MALTA

# QORTI CIVILI PRIM AWLA (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 27/2002/1

Joseph sive Peppi Azzopardi f'ismu proprju fil-kwalita` tieghu ta' Kap tat-Tim tal-programm 'Xarabank' u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` civili 'Where's Everbody?'
vs
Joseph Scerri u John Debono fil-kwalita` taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Bormla

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Joseph sive Peppi Azzopardi propio et noe li ppremetta:

Illi fil-25 ta' Settembru, 2002 saret applikazzjoni lill-Kunsill Lokali ta' Bormla a tenur ta' l-Att ta' l-2001 dwar Licenzji tal-Kummerc (Att Nru XXVII ta' l-2001) ghal permess sabiex ir-rikorrent proprio et nomine jorganizza u jtella` l-programm fis-serje 'Xarabank' nhar il-Hamis 3 ta' Ottubru,

2002 minn gewwa Pjazza Pawlinu Vassallo, Bormla biex imbaghad tigi trasmessa fuq il-programm televiziv ‘Xarabank’ ta’ nhar il-Gimgha 4 ta’ Ottubru, 2002 (dokument immarkat bhala Dok A).

Illi l-ghada li saret l-applikazzjoni, u cioe` fis-26 ta’ Settembru, 2002, minghajr biss ma giet notifikata l-applikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija kif trid il-Ligi, il-permess gie michud permezz ta’ ittra ffirmata mis-Sindku intimat li qal “I regret to inform you that your request cannot be acceded to” (dokument immarkat bhala Dok B).

Illi dan id-divjet ta’ l-intimati jikkostitwixxi ksur tal-Liberta` fondamentali ta’ Espressjoni (Art 41) u tal-Liberta fondamentali ta’ l-Ghaqda u Assocjazzjoni (Art 42) protetti mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Art 10 u 11 rispettivament) billi l-ordni mhix ragonevolment rikjesta fl-interess ta’ l-ordni pubblika u mhux gustifikabbli ragonevolment f’socjeta` demokratika.

Illi wara ittra li baghat ir-rikorrent tramite l-konsulent legali tieghu lill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, anke l-President ta’ l-istess Assocjazzjoni kkundanna l-agir tal-intimati bil-qawwa u heggighom sabiex josservaw il-ligi u jirrimedjaw minnufih is-sitwazzjoni (kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok C), izda xorta wahda baqghu inadempjenti.

Illi minhabba l-agir ta’ l-intimati nomine, ir-rikorrent effettivament gie mcahhad mill-opportunita` li jiltaqa’ u jassocja ruhu ma’ nies ohra fil-lokalita` ta’ Bormla u maghhom jesprimi l-hsibijiet, l-idejat u l-opinjonijiet tieghu, anki man-nies ta’ din il-lokalita`, stante li x-xelta nnifisha tal-lokalita` da parti tar-rikorrenti hija parti integrali mill-idejat espressi u mill-espressjoni per se.

Illi peress li hawnhekk si tratta dwar ksur tal-Liberta` ta’ Espressjoni u l-Liberta` ta’ Assocjazzjoni u ta’ Ghaqda, u peress ukoll li l-programm ilu skedat sabiex jigi mtella’ nhar il-Hamis 3 ta’ Ottubru, 2002 u trasmess nhar il-Gimgha 4 ta’ Ottubru, 2002, u peress li huwa ferm difficli li

programm alternattiv jigi ppreparat minn gewwa venue iehor sabiex jintwera minflok il-programm skedat, din il-kwistjoni hija ta' natura urgenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi u rimedji li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 10 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom li tiddikjara lill-intimati nomine hatja ta' ksur ta' l-istess disposizzjonijiet u tiddikjara l-ittra mmarkata Dok B nulla u bla effett tal-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju u tar-rikors prezentati fis-27 ta' Settembru, 2002 u tar-rikors ipprezentat kontestwalment, kontra l-intimati.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat ir-risposta ta' Joseph Scerri et nomine li eccepew:

1. Illi r-rikorrent m'ghamel l-ebda talba lill-Kunsill Lokali ta' Bormla sabiex issir l-attivita` minnu msemmija fir-rikors promotur.

2. Illi kien proprju r-rikorrenti illi ma mexiex skond il-Ligi.

3. Illi l-intimati ma kisrux id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 10 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Illi kif ser jirrizulta, dawn il-proceduri gew istitwiti purament sabiex ir-rikorrenti johloq sensazzjoni u b'rizultat tar-rapurtagg ta' l-istess proceduri qabel l-attivita` minnu msemmija, biex jiddobba reklamar estensiv b'xejn fil-gazzetti u l-mezzi tax-Xandir lokali – abbuz ferm deplorevoli da parti tar-rikorrenti mid-disposizzjonijiet eghziez li jipprotegu id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u mis-sitema legali tal-pajjiz (il-hlas sabiex tipprezenta rikors kostituzzjonali hu wiehed irrisorju meta kkomparat

mal-pubblicita` estensiva fuq il-gazzetti u l-mezzi tax-Xandir (f'prime time) li akkwista r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

**PROVI:**
Ikkunsidrat

Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2002 il-partijiet qablu li bhala stat ta' fatt il-program gie mtella fil-lokalita` msemmija u gie mxandar, u li llum it-talba mhix diretta biex isir il-programm izda drittijiet ohra naxxenti mill-kawza.

<u>Ir-rikorrent</u> xehed u semma li hu l-prezentatur tal-programm Xarabank li ilu jzomm ghal xi hames snin. Sostna li fil-fatt kien hemm l-ewwel nett xi zvantaggi li bata minhabba l-fatt li l-programm sar bil-permess tal-Pulizia u mhux bil-permess kif talab minghand l-intimati l-Kunsill Lokali. Bhala ragunijiet semma:

1. li kien hemm numru ta' nies li kienu xtaqu jiehdu sehem u kellhom f' mohhom li jiehdu sehem fil-programm u li ma marrux kawza tal-incertezza jekk dan il-programm kienx sejjer isir jew le;
2. li rrizultaw problemi ta' natura organizzattiva minhabba li programm ta' din in-natura naturalment jirrikjedi kwantita` kbira ta' nies li jiehdu hsieb l-organizzazzjoni u l-produzzjoni tieghu u li minhabba l-fatt ta' din l-incertezza nholqu problemi kbar inkluz tensjoni f' hafna minnhom;

3. it-tielet aspett li batiet minnu l-produzzjoni hija li huma gew moghtija l-fakulta` li jaghmlu meeting u mhux programm u naturalment meeting jista' jitkellem persuna jew numru ta' persuni waqt li fi programm inti ghandek cross talk, numru ta' nies li jintervjenu, bi prezentatur li jista' jiehu l-inizjattiva u dan kollu kien mitluf u b' hekk il-programm bata taht xi aspetti.

Mistoqsi, irrisponda li fil-fatt Bondin li huwa persuna li jipprezenta spots satirici fil-programm kien hemmhekk bhas-soltu u kant u zfin effettivament kien hemm bhas-soltu. Interventi kien ghamel pero` limitati ghax specjalment fil-mohh ta' Duminku Mintoff mhux kien qed isir programm izda kien qed isir meeting ghalkemm kien hemm anke domandi tal-pubbliku. Kien hemm spots kemm vizwali fuq is-suggett kif ukoll spots kummercjali pero` dawk gew inseriti wara fl-istudio ghall-iskopijiet tal-programm biex jigi mxandar u mhux rawhom il-pubbliku fil-pjazza in kwistjoni.

Gie sollevat il-punt dwar l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jghid hekk:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.

(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero’ dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.

(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

Fis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta’ Ottubru, 1993 fl-ismijiet Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et insibu:

“Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta’ l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta’ kawza ta’ din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment.  Meta l-aspetti ta’ l-indagini ikunu ta’ natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta’ Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim’Awla”

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija" u f'dik deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru.

Fil-kawza Domenico Savio Spiteri vs Awtorita' tal-Ippjanar deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju, 1999 gie deciz li huwa zball li tadotta r-rimedji kostituzzjonali biex tissana n-nuqqas li tuza rimedji ohra li setghu jaghtuk soluzzjoni legali.. Il-persuna aggravata kellha l-ewwel tipprotegi l-interessi taghha u taghmel uzu mir-rimedji li ghandha taht il-ligi ordinarja. Rikors kostituzzjonali dejjem irid jitqies bhala rimedju straordinarju ghal allegat vjolazzjoni ta' dritt fundamentali.

Izda fil-kaz in ezami hemm mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat favur ir-rikorrent skond xi ligi ohra? Ghax jekk kien hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghal dak li lmenta minnu, dawn kellhom jigu adoperati. Infatti kif issemma fil-kawza ta' Dr. Mario Vella fuq meta hemm mezzi ordninarji disponibbli ghar-rikorrent bhala principji generali dawn ghandhom jigu segwitu u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti u ma jkunux aktar disponibbli. Il-Qorti ghandha tidderigi ruhha lejn ir-rifjut meta tezisti l-possibbilta` ta' rimedji ohra u meta kien hemm soluzzjoni legali ohra possibbli. Issa rrizulta li tant kien hemm rimedju li fil-fatt l-attivita` saret ghalkemm ir-rikorrent jilmenta li sar meeting u mhux programm. Izda rrizulta li numru ta' nies intervjenew, spots satirici gew prezentati, kien hemm kant u zfin u kien hemm anke spots kummercjali fil-programm ghalkemm dawn kienu mxandra mill-istudio. Dana jwassal ghall-fatt li kuntrarjament ghal dak li gie allegat mir-rikorrent ma kienx hemm bhala stat ta' fatt limitazzjoni fuq il-liberta` fundamentali tal-espressjoni (artikolu 41 tal-Kostituzzjoni) u tal-ghaqda u assocjazzjoni (artikolu 42). Li seta' kien hemm jekk dawn jigu ppruvati huma d-danni ta' natura finanzjarja, skumdita`, ansjeta` fil-prezentatur u t-team ta' produzzjoni, izda dawn ma jaghtux lok ghal kawza kostituzzjonali izda se mai possibbilment ghal rimedji ohra

li fuqhom certament din il-Qorti mhux sejra tippronunzja ruhha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda tipprevalixxi ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 u taghzel li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond dawn l-artikoli ghax tinsab sodisfatta li r-rikorrent ghandu rimedju disponibbli ghall-ksur minnu allegat, u konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.
Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------